MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1744/1997/1

**Simon Muscat**

**vs**

**Dieter Grotjans**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kien mizzewweg lil Dorothy Eileen Muscat li mietet fit-22 ta' Lulju 1995 (Dok A);

Illi l-attur huwa l-eredi universali tal-mejta Dorothy Eileen Muscat skond testment datat 20 ta' Dicembru 1982, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat (Dok.B);

Illi l-mejta Dorothy Eileen Muscat kellha relazzjoni extra-maritali mal-konvenut, matul liema perjodu hija hadet mid-dar konjugali l-oggetti mobbli kollha, kemm parafernali kif ukoll dawk formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, fid-dar tal-konvenut;

Illi wara l-mewt ta' l-immsemija Dorothy Eileen Muscat l-imsemmija mobbli baqghu ingustament fil-pusses tal-konvenut;

Illi ghalhekk debitament interpellat sabiex irodd lura l-imsemmija oggetti, il-konvenut baqa' inadampjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni mebtiega:

1. tikkundannah sabiex fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggi din il-Qorti, irodd lura l-oggetti mobbli fuq imsemmija u li llum huma propjeta’ assoluta ta' l-attur;

2. fin nuqqas tikkundannah ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, bhala l-valur ta' l-oggetti in kwistjoni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' 1-1 ta' Lulju 1997 u tal-mandat ta' qbid numru 4056/97AS kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-konvenut qatt ma kellu relazzjoni extra-maritali mal-mejta Dorothy Eileen Musact;

Illi Dorothy Eileen Muscat ma kelliex flus biex tikri post ghal rasha u ghalhekk l-konvenut kien offrielha li tmur tghix go daru, minghajr hlas, u dana stante illi l-konvenut kien henn ghaliha, billi kien jaf illi Dorothy Eileen Muscat, ma setghetx tghix aktar flimkein ma zewgha, billi din kienet soggetta ghall-abbuz u vjolenza kemm fizika kif ukoll mentali kontinwa minn zewgha, u fil-fatt kienet bdiet proceduri ghas-separazzjoni legali minn ma' zewgha;

Illi l-attur kien ta lil Dorothy Eileen Muscat, cavetta tal-flat fejn kienu jghixu meta kienu flimkien u qallha li setghet tiehu kollox;

Illi Dorothy Eileen Muscat kienet hadet xi mobbli fid-dar tal-konvenut, li minnhom xi whud kienu taghha qabel iz-zwieg;

Illi Dorothy Eileen Muscat kient bieghet xi uhud minn dawn il-mobbli, stante li ma kellhiex flus biex tghix, billi zewgha ma kienx jghaddilha l-flus tal-manteniment, minkejja ordni tal-Qorti f'dan is-sens;

Illi meta kienet ghadha hajja Dorothy Eileen Muscat kient tat b'donazzjoni kull ma kellha lill-konvenut, u dana bhala rikonoxximent ta' dak kollu li kien ghamel maghha;

Illi ghaldaqstant il-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn gie premess:-

Illi Dorothy Eileen Muscat mieter fit-22 ta'Lulju 1995;

Illi ghall-circa hmistax il-xahar qabel ma mietet kienet tghix mal-konvenut Grotjans, liema konvenut kien ha hsiebha u offrielha akkomadazzjoni b'xejn stante illi Muscat ma kellhiex fejn tmur, u dana stante' li ghal-snin shah kienet soggetta ghal-abbuz u vjolenza kemm fizika kif ukoll

mentali kontinwa minn zewgha, u fil-fatt kienet bdiet proceduri ghas-separazzjoi legali;

Illi ghal-kuntrarju tal-allegazzjoni attrici, l-konvenut qatt ma kellu relazzjoni extra-maritali ma Muscat u dana kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh tax-xhieda;

Illi ghal-hmistax il-xhar shah il-konvenut kien imantni lil Muscat stante li din ma kellhiex flus u stante li ma kienitx tahdem, u lanqas ma kienet tircevi l-manteniment minn ghand zewgha, Simon Muscat minkejja li kien hemm ordni mill-Qorti li kellu itieha Lm40 fil-gimgha;

Illi l-konvenut jghix fuq Lm21 fil-gimgha li jtiegh il-Gvern bhala ghajnuna socjali, stante illi l-konvenut ma jistax jahdem wara operazzjoni serja li kien ghamel fl-1993, u ghalhekk kellu juza xi flus li kellu, liema flus kien ha minn ghand socjeta' assiguratrici fil-Germanja;

Ghalhekk il-konvenut talab li l-attur rikonvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tillikwida kumpens xieraq bhala servigi li l-konvenut kien ta lill-mejta Dorothy Eileen Muscat fl-ahhar hmistax il-xahar qahel ma mietet;

2. tikkundanna lill-attur rikonvenut ihallas lill-konvenut rikonvenjent is-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens;

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghal kontro-talba tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda stante li ma jirrikorrux ghandhom jigu

michuda stante li ma jirrikorrux l-elementi mehtiega ghar-rikonvenzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 396 tal-Kap.12;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tal-konvenut huma nfondati stante li huwa ma ta l-ebda kura lill-mejta Dorothy Eileen Muscat;

3. Illi wkoll minghajr pregudzzju ghall-premess anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-konvenut ippresta xi servigi, huwa ma jistax jitlob kumpens stante li:

(i) inghataw fil-kors tar-relazzjoni llecita li kellu mal-mejta Dorothy Eileen Muscat;

(ii) ma setax kellu l-intenzjoni li jithallas taghhom u dan kif jirrizulta wkoll min-nota ta' l-eccezzjonijiet minnu pprezentata fl-20 ta' Mejju 1998;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur;

Rat is-sentenza taghha (diversament presjeduta) tad-9 ta' Gunju 1999 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut peress li tali eccezzjoni hi nfondata fil-fatt u fid-dritt. L-ispejjez kontra l-attur;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Semghet lix-xhud prodott mill-konvenut;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Jirrizulta li l-attur kien mizzewweg lil Dorothy Eileen Muscat li mietet fit-22 ta' Lulju 1995. Jirrizulta ukoll li l-istess attrur hu l-eredi universali tal-mejta martu u dana in virtu’ ta testament tal-20 ta' Dicembru 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat;

Fic-citazzjoni l-attur jallega li martu kellha relazzjoni extra-maritali mal-konvenut u hi kienet hadet mid-dar konjugali l-oggetti mobbli kollha, kemm parafernali kif ukoll dawk formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, fid-dar tal-konvenut. L-attur ikompli jippremetti li wara l-mewt ta' martu l-imsemmija mobbli baqghu ingustament fil-pusses tal-konvenut. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat irodd lura l-imsemmija oggetti mobbli li huma propjeta’ assoluta tieghu. L-attur qed jitlob ukoll li fin-nuqqas il-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma li tigi likwidata bhala l-valur ta' l-oggetti in kwistjoni;

Il-konvenut qed jeccepixxi li huwa qatt ma kellu relazzjoni extra-maritali mal-mejta Dorothy Eileen Musact. Jeccepixxi ukoll li l-istess Dorothy Muscat ma kelliex flus biex tikri post u ghalhekk hu offrielha li tmur tghix go daru, minghajr hlas. Inoltre l-konvenut jeccepixxi li l-attur kien ta lil martu c-cavetta tal-flat fejn kienu jghixu u qallha li setghet tiehu kollox. Il-konvenut jissottometti li Dorothy Eileen Muscat kienet hadet xi mobbli fid-dar tieghu u uhud minn dawn kienu taghha qabel iz-zwieg. Il-konvenut ikompli jissottometti li Dorothy Muscat kienet bieghet xi uhud minn dawn il-mobbli u li l-istess Muscat kienet tat b'donazzjoni kull ma kellha lill-konvenut, u dana bhala rikonoxximent ta' dak kollu li kien ghamel maghha;

Il-konvenut ghamel kontro-talba fejn ippremetta li l-imsemmija Muscat ghall-circa hmistax il-xahar qabel ma mietet kienet tghix mieghu u hu ha hsiebha, mantniha u offrielha akkomadazzjoni b'xejn. Ghalhekk il-konvenut talab li jigi likwidat kumpens xieraq bhala servigi li l-konvenut kien ta lill-mejta Dorothy Eileen Muscat u li l-attur jigi kundannat ihallas is-somma hekk likwidata;

Da parti tieghu l-attur eccepixxa li ma jirrikorrux l-elementi mehtiega ghar-rikonvenzjoni skond l-artikolu 396 tal-

Kap.12. Jeccepixxi ukoll li l-konvenut ma ta l-ebda kura lill-mejta Dorothy Eileen Muscat u li fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma jistax jitlob kumpens stante li semmai s-servigi allegati nghataw fil-kors tar-relazzjoni llecita u zgur li l-konvenut ma kellux l-intenzjoni li jithallas;

Permezz tal-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta' Gunju 1999 l-ewwel eccezzjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut giet michuda u cioe' l-eccezzjoni li ma jirrikorrux l-elementi mehtiega ghar-rikonvenzjoni skond l-artikolu rilevanti tal-ligi;

Fl-ewwel lok ser jigu trattati t-talbiet tal-attur. Kif gia gie rilevat l-attur, bhala eredi universali ta' maru l-mejta Dorothy Eileen Muscat, qed jallega li l-imsemmija martu hadet mid-dar konjugali l-oggetti mobbli kollha, kemm dawk parafernali taghha kif ukoll dawk formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u hadithom fid-dar tal-konvenut. L-attur qed jallega ukoll li wara l-mewt tal-imsemmija martu dawn l-istess affarijiet baqghu ingustament ghand il-konvenut;

Huma ghall-kollox irrilevanti hafna mill-kwestjonijiet li ssollevaw il-partijiet fil-kors ta' din il-kawza bhal ma hu ghal kollox irrilevanti jekk kienx hemm relazzjoni extra-matrimonjali bejn il-konvenut u mart l-attur. Lanqas ma hu rilevanti, dejjem ghal finijiet ta' dawn il-proceduri li jigi stabbilit jekk l-oggetti kienux parafernali ta' mart l-attur jew jekk kinux appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Li ghandu jigi stabbilit, ghal finijiet ta' din il-kawza, hu jekk wara l-mewt tal-imsemmija mart l-attur, kienx hemm fil-pussess tal-konvenut mobbli jew hwejjeg ohra li jistghu jitqiesu li huma appartenenti lill-wirt tal-istess mart l-attur;

Ghal kull buon fini jinghad li hu risaput li skond il-ligi l-komunjoni ta' l-akkwisti tibda maz-zwieg u tintemm meta jintemm l-istess zwieg. L-artikolu 1321 tal-Kodici Civili jghamel prezunzjoni fis-sens li l-beni kollha tal-mizzewwgin ghandhom jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xorta ohra. Fil-kaz in esami ma giex ippruvat liema beni in effett kienu

parafernali tal-imsemmija Dorothy Muscat. Ghalhekk skond il-ligi l-prezunzjoni hi li l-beni kollha kienu tal-komunjoni. Strettament ghalhekk l-istess Dorothy Muscat ma setghetx waheda tiddisponi mill-istess oggetti. Dan pero' jirrigwarda biss l-imsemmija Dorothy Muscat u ma jirrigwardax minn kien qed jircievi minnghand l-istess Dorothy Muscat. Minn kien qed jircievi l-oggetti mobbli in kwestjoni, kemm b'titlou onerus kif ukoll b'donazzjoni, kien terz in bona fede u ghalhekk seta jircievi. Semmai seta kien hemm debitu tas-sehem tal-komunjoni tal-mara ghar-rigward tas-sehem l-istess komunjoni tar-ragel;

F'dan il-kaz pero' dan kollu hu akkademiku peress li l-attur hu l-eredi universali ta' martu. B'hekk li hu importanti hu li jigi stabbilit jekk wara l-mewt ta' Dorothy Muscat il-konvenut kellux ghandu xi oggetti appartenenti lill-istess Muscat. F'dan ir-rigward ukoll mhux rilevanti jekk l-attur kienx ta jew le l-oggetti mobbli in kwestjoni jew xi uhud mill-istess oggetti lill-imsemmija martu;

In effett jirrizulta pruvat li l-imsemmija Dorothy Muscat meta telqet mid-dar konjugali kienet hadet maghha ghand il-konvenut mobbli u oggetti ohra li kienu fid-dar konjugali taghha;

Skond l-attur fost l-affarijiet li martu hadet maghha ghand il-konvenut kien hemm varji oggetti tad-deheb li kienu jinkludu arlogg tad-deheb tal-marka Limit b'cinga ta' 24 karat, sittax il-par imsielet tad-deheb, criket tad-deheb b'disinn differenti u erba' gizirani. F'dan ir-rigward il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li huwa sab basket tal-plastik li kien fih 13-il par imsielet, gizirana u arlogg tan-nisa. Ma jirrizultax li mart l-attur kienet tat b'donazzjoni dawn l-oggetti tad-deheb lill-konvenut jew lill terzi u ghalhekk, anke in vista ta' dak kollu li gie premess jidher li dawn l-oggetti, li l-konvenut jammetti li sab, ghandhom jigu ritornati lill-attur. Ma jirrizultawx x'kienu effettivament dawn l-oggetti u lanqas il-valur relattiv taghhom. Ghalhekk il-valur taghhom qed jigi likwidat "arbitrio boni viri" fis-somma ta' elf lira flus maltin (Lm1000);

Jirrizulta li l-imsemmija mart l-attur kellha tbiegh hafna mill-mobbli in kwestjoni u dana sabiex tkun tista tghix u tmantni lilha nfisha. Il-Qorti hi ukoll sodisfatta, mill-kumpless tal-provi, li mart l-attur kienet tat lill-konvenut dawk il-mobbli li kien ghad fadal u dana bhala rikonoxximnet ta’ dak li ghamel maghha l-konvenut. Ghalhekk il-konvenut ghandu jirritorna biss lill-attur dawk l-oggetti tad-deheb li huwa jghid li sab gewwa borza tal-plastik u cioe’ 13-il par imsielet, gizirana u arlogg tan-nisa. L-istess konvenut ma ghandu jirritorna xejn mill-mobbli li jistghu baqghu ghandu peress li dawn huwa rcevihom b’donazzjoni minghand mart l-attur;

Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, jirrizulta u l-istess konvenut jammetti li hu kien offra lill Dorothy Muscat tmur toqod ghandu minhajr hlas peress li kien henn ghaliha u ma kelliex fejn tmur. Ma jirrizultax li qabel mewtha Dorothy Muscat kienet fi stat li ma setghetx tiehu hsieb lilha nfisha. Ma jirrizultax sufficjentement li l-konvenut kien imantni lill Dorothy Muscat u dana anke in vista tal-mezzi limitatissimi tieghu. In effett jirrizulta li l-imsemmija Muscat kienet tircievi l-assistenza socjali. Jirrizulta ukoll li l-istess Muscat kienet bieghet xi oggetti u mobbli biex tkun tista tghix. Ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentament ippruvat li l-konvenut irrenda servigi lill-Dorothy Muscat qabel ma mietet u ghalhekk it-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu kollha michuda;

In vista ta’ dak kollu li gie premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti pero’ limitatament ghar-rigward ta’ dawk l-oggetti tad-deheb li l-konvenut jghid li sab gewwa borza tal-plastik u t-talbiet tal-konvenut kif dedotti fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici pero limitatament ghar-rigward ta’ dawk l-oggetti tad-deheb li l-konvenut jghid li sab go borza tal-plastik u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar millum huwa jrodd lura 13-il par imsielet, gizirana u arlogg tan-nisa u fin nuqqas il-

konvenut hu kundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ elf liri maltin (Lm1000) li qed tigi likwidatav”arbitrio bon viri” bhala l-valur ta' l-istess oggetti tad-deheb;

Tideciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-konvenut kif dedotti fil-kontro-talba tieghu;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------